C/2024/6215

16.10.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11650 – RIL / TWDC /BTS1 / SIPL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6215)

1. Fid-9 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Reliance Industries Limited ("RIL", l-Indja),

— The Walt Disney Company ("TWDC", l-Istati Uniti),

— BTS Investment 1 Pte, Ltd. ("BTS1", Singapor), finalment ikkontrollata minn James Murdoch (l-Istati Uniti) u s-Sur Uday Shankar (l-Indja), u

— Impriża konġunta li għadha kif inħolqot, Star India Private Limited ("SIPL", l-Indja).

RIL, TWDC and BTS1 se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' SIPL kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija li għadha kif ġiet maħluqa li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— RIL huwa konglomerat multinazzjonali li huwa attiv f'għadd ta' negozji madwar id-dinja, inklużi (i) il-media u d-divertiment (inkluż permezz tas-sussidjarja tiegħu Viacom18); (ii) esplorazzjoni u produzzjoni tal-idrokarburi; (iii) raffinar u kummerċjalizzazzjoni taż-żejt mhux raffinat; (iv) materjali u komposti avvanzati; (v) sorsi ta' enerġija rinnovabbli (solari u idroġenu); (vi) forniment ta' servizzi ta' bejgħ bl-imnut u diġitali; u (vii) forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni,

— TWDC hija intrapriża tal-media u tad-divertiment internazzjonali diversifikata li tinkludi tliet segmenti ewlenin tan-negozju: divertiment, sport, u esperjenzi, elenkati fil-Borża ta' New York.

— BTS1 huwa investitur f'opportunitajiet ta' teknoloġija tal-konsumatur fl-Asja tax-Xlokk, b'enfasi partikolari fuq l-Indja.

3. Il-JV, SIPL, se tkun attiva fin-negozji tad-divertiment primarjament fl-Indja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jenħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja dejjem għandha tiġi speċifikata:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

M.11650 - RIL / TWDC / BTS1 / SIPL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË